# ĠENSNA

KITBA U RIĊERKA: RAY MANGION ©

## PATRI CARMELO ABDILLA (11.10.1863 – 18.10.1919)

Vincenzo Abdilla twieled il-Belt Valletta u kien iben Carmelo li kien bejjiegħ il-laħam u Carmela xebba Abela li kienet mara tad-dar. Huwa ngħata l-ismijiet ta' "Vincenzo, Giuseppe, Saverio, Pio". Huwa kien dixxendent tal-koppja Andrea u Imperia u kien wieħed minn bosta aħwa li ngħaqdu fiż-żwieġ u kattru r-razza fil-Belt Valletta kif ukoll fil-Ħamrun.

Huwa ssieħeb bħala novizz mal-Ordni tal-Franġiskani Minuri Osservanti fl-età ta' 18-il sena fit-22 ta' Ġunju, 1881 u ħa l-isem ta' Patri Carmelo. Huwa diġà kellu rabtiet mal-Patrijiet għaliex missieru Carmelo kien silifilhom dar bħala residenza fi Triq San Ġwann f'tas-Sliema biex jabitaw fiha sakemm bnew il-kunvent tagħhom hemmhekk.

Vincenzo għamel il-professjoni sempliċi fis-26 ta' Ġunju, 1882, kif ukoll il-professjoni solenni erba' snin wara fl-istess xahar tal-1885.

Huwa kien ordnat saċerdot meta kellu 30 sena fl-24 ta' Settembru, 1887. Patri Karm qatta' l-aħħar snin ta' ħajtu fil-Kunvent tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù f'tas-Sliema.

Patri Carmelo miet qasir il-għomor ta' 55 sena fl-istess residenza tal-kommunità u ndifen fil-Knisja ta' Ta' Ġieżu fir-Rabat ta' Malta. Ismu jinsab fin-Nekroloġju tal-Provinċja tal-Ordni li jinqara wkoll waqt l-ikel meta l-Patrijiet jitolbu għall-mejtin tagħhom.

*Biblijografija:*

RPM, Twelidijiet 3437/1865: Imwiet 638/1920: P. Ġorġ OFM, *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu) 1482c – 1965c (sal-Konċilju Vatikan II)* (Klabb Kotba Maltin, Malta 2007), paġni 399 u 624. L-awtur ifakkar il-memorja mill-isbaħ tal-mibki ħabib tiegħu Reverendu Patri Ġorġ Aquilina li kien informah dwar Patri Carmelo Abdilla, 6.10.2006.

N.B. L-awtur għamel għadd ta' tentattivi biex jipprova jsib ritratt jew santa tal-mewt ta' Patri Carmelo Abdilla, iżda s'issa ma rnexxilux.

## GIUSEPPE ABDILLA (21.1.1754-12.8.1837)

Giuseppe Abdilla twieled Ħal Safi, iben Archengelo u Teresa Bonnici. Huwa kien mgħammed fl-istess ġurnata mill-Kappillan ta' Ħal Safi D: Joseph Caruana u ngħata l-ismijiet ta' "Joseph, Calcedonio, Publius".

Giuseppe kien Kjeriku iżda sar magħruf meta huwa kien wieħed minn 22 individwu li kien maħtur Deputat tal-Poplu ta' Ħal Safi f'laqgħa tar-rappreżentanti tad-distretti fl-14 ta' Frar, 1799, fl-eqqel tal-Imblokk tal-Maltin kontra l-Franċiżi (1798-1800). Huwa kien uffiċjalment konfermat fil-Palazz ta' San Anton, Ħ'Attard - Ħal Balzan.

Huwa kien attiv ferm f'isem ir-raħal tiegħu u għamel li seta' biex il-Ħal Safin jiksbu l-qmuħ u l-provvedimenti neċessarji fil-kors tal-interrenjun Franċiż f'Malta.

Huwa ppresjieda laqgħa oħra għall-istess deputati fid-9 ta' Marzu tal-istess sena meta ssottomettew u approvaw id-Dikjarazzjoni tal-elezzjoni flimkien ma' protest formali lir-Re George rigward it-trasferiment tal-gżejjer Maltin. Giuseppe u l-bqija tad-delegati llegalizzaw il-proċess verbal oriġinali tal-istess elezzjoni fl-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Gvern Alexander Macoulay u l-Pro-Segretarju Dr Felice Cutayar fis-26 ta' Novemberu, 1801.

Il-Kjeriku Abdilla nħatar Lugutenent ta' Ħal Safi skont Proklamazzjoni li kienet iġġib id-data 9 ta' Mejju, 1801. Huwa kien jiffirma ittri u korrispondenza fi żmien l-ewwel Kummissarju Ċivili Sir Alexander Ball. Giuseppe ħalla l-firma tiegħu f'għadd ta' dokumenti li ġew konservati fl-Arkivji Nazzjonali tal-Palazz fil-Belt Valletta mnejn ittieħdu fl-Arkivji Nazzjonali fir-Rabat, Malta, fi żminijietna.

Giuseppe Abdilla nħatar ukoll Lugutenent ta' Ħal Kirkop fl-l ta' April, 1804, minflok Dr Enrico Xerri filwaqt li żamm dak ta' Ħal Safi li kien raħal tassew filqrib. Giuseppe nħatar minn Sir Alexander Ball li kellu opinjoni għolja bil-bosta tiegħu tant li faħħru għall-onestà u l-kredibilità tiegħu. Giuseppe ngħata l-fakultà li jkollu sostitut lil Giovanni Cassar f'Ħal Kirkop meta x-xogħol ma kienx jippermittilu li jlaħħaq mat-tmexxija taż-żewġ rħula f'salt.

Huwa mexxa ż-żewġ villaġġi matul il-pesta terribbli u qerrieda tal-1813. Huwa ntalab b'ittra tat-1 ta' Lulju, 1813, biex jagħti lista ta' Ħal Safin u Koppin li kienu fil-bżonn biex il-Gvern ikun jista' jgħinhom finanzjarjament u l-ewwel għajnuna kienet tikkonsisti f'żewg buxels ta' qmuħ.

Il-Kjeriku Abdilla kien maħtur Deputat Lugutenent ta' Ħal Safi u Ħal Kirkop meta l-ewwel Gvernatur Ingliż f'Malta ta bidu għal riformi kbar fl-amministrazzjoni billi qasam il-pajjiż f'sitt distretti taħt it-tmexxija ta' Sindku – il-Markiż Giuseppe Testaferrata Viani – skont Proklamazzjoni li huwa xandar fit-28 ta' Ġunju, 1815. Giuseppe ngħata salajru ta' £48 fis-sena.

Huwa okkupa l-kariga l-ġdida għal 22 sena u b'kollox ta servizz lil raħal twelidu Ħal Safi għal aktar minn 38 sena u lil Ħal Kirkop għal 33 sena sakemm miet.

Giuseppe aktar tard aċċetta n-nomina ta' Direttur tal-Provident Savings Bank hekk kif il-Gvern iddeċieda li jwaqqaf din l-istituzzjoni bankarja nazzjonali bi Proklamazzjoni fl-1833.

Huwa miet fl-età venerabbli ta' 83 sena f'Ħal Safi u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl.

*Biblijografija:*

Knisja Parrokkjali Ħal Safi, *Liber Baptizatorum, Vol.I, 1600-1870* u *Liber Defunctorum Vol.II, 1777-1861*, paġni 68-69; Librerija Nazzjonali, Valletta, Libr. *Ms. 1096; MGG 1192*, "The Malta Provident Bank for Savings", Wednesday 27.11. 1833, paġna 399; MGG 1393, Wednesday, 16.8.1837, paġna 295; Knisja Parrokkjali Ħal Safi, *Liber Baptizator, Vol.I, 1600-1870*; Barone Vincenzo Azzopardi, *Giornale Della Presa Di Malta E Gozo Dalla Republica Francese, E Della Susseguente Rivoluzione Della Campagna, Seconda Edizione (A. Aquilina Editori, Malta, 1864)*, paġna 123; Alfredo Mifsud, *L'Origine Della Sovranità Inglese Su Malta (Tipografia del 'Malta', Malta, 1907)*, paġna 432; William Hardman. *A History of Malta During the Period of the French and British Occupation, 1798-1815* (Longmans, London, 1909) paġni 191 u 416; Joseph Micallef, *L-Istorja ta' Ħal Safi (1980)*, paġni 59-60; Winston L. Zammit, *Forom ta' Gvern Lokali fil-Gżejjer Maltin (1798-1973)*, Michael J. Schiavone, *Il-Kunsilli Lokali 1993-1994, Storja – Fatti – Ċifri* (PIN Pubblikazzjonijiet Independenza,1994), paġni 9-10 u 12; Winston L,.Zammit, *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800* (Klabb Kotba Maltin, 1999), paġni 68-70; Carmel Testa, *The French in Malta 1798-1800* (Midsea Books, 1997), paġna 553.

## REVERENDU JOSEPH ABDILLA (15.4.1932 – 14.2.2006)

Joseph Abdilla twieled Raħal Ġdid, iben Giovanni Maria Abdilla u Saverja xebba Chircop. Joseph ingħata l-ismijiet "Giuseppe, Antonio, Felice, Gaetano, Giovanni, Salvino". Huwa kien fost erba' aħwa inkluża Swor Mary tal-Kongregazzjoni ta' St Joseph of the Apparition. Missieru kien oriġinarjament għalliem tal-mużika, iżda aktar tard daħal bħala *shipwright* u spiċċa mgħallem fil-kategorija tiegħu fit-Tarzna.

Joseph studja fl-Università ta' Malta mnejn huwa kiseb il-Baċellerat fit-Teoloġija (B.D.) fit-12 ta' Novembru, 1957 u l-Liċenzjat fit-Teoloġija fit-12 ta' Novemberu, 1960.

Huwa kien ukoll is-Seminarju u kien ordnat saċerdot fl-14 ta' Marzu, 1959. Huwa nħatar Kanonku tal-Kapitlu tal-Bażilika tal-Isla fit-2 ta' April, 1995.

Reverendu Abdilla kien għalliem tar-Reliġjon fl-Iskola tas-St. Joseph f'Raħal Ġdid u aktar tard għalliem u saħansitra Spettur fl-Iskejjel tal-Gvern. Huwa rtira bħala Assistent Kap tal-Liċew fil-Ħamrun.

Huwa għex fi Triq Ħal Saflieni, fi Triq is-Sorijiet u dan l-aħħar fi Triq Tal-Borġ f'Raħal Ġdid.

Huwa kien iħobb il-mużika u kien imexxi l-kor tal-Youth Centre ta' Raħal Ġdid. Huwa kull sena kien itella' narrativa bl-Ingliż għat-turisti li jkunu fil-Pjazza tal-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid waqt il-ħruġ tal-vari nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Reverendu Joseph Abdilla miet bla mistenni fl-Isptar San Luqa, Gwardamanġa. Huwa kellu funeral mill-isbaħ fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

*Biblijografija:*

RPM, Twelidijiet 2690/1932: Imwiet 729/2001; Università ta' Malta (UM), *Report by Vice-Chancellor*




Reverendu Kanonku Joseph Abdilla

*and Rector Magnificus 1.10.1957/30.8. 1958* u *1.10.1960/30.9.1961*; Sunday Times of Malta 2.11.1960, University Graduation Ceremony; Arkivju Arċiveskovili Malta, *Canonici Senglea, vol.10.*; Ħajr: Swor Mary Abdilla, 11. xi.2006 u 29.xi.2006; Mario Abdilla, kommunikazzjoni personali 9.8.2019.

## DANJEL ABDILLA (15.10.1877 – 17.3.1960)



Patri Danjel Abdilla

Giuseppe Abdilla twieled Ħal Għaxaq, u kien iben Giovanni Abdilla u Filomena Cutajar. Huwa ngħata l-ismijiet ta' "Giuseppe Maria, Salvatore, Giorgio". Missieru kien karpentier filwaqt li ommu kienet tallaba. Huwa kien imnissel mill-familja "Ta' Bexxaq". Infatti, huwa mexa fuq il-passi ta' missieru u ħareġ karpentier gwapp bħalu.

Huwa daħal fl-Ordni tal-Karmelitani Skalzi bħala Patri Lajk billi rċieva l-isem reliġjuż ta' Daniele del Santissimo Redentore. Huwa kien propost bħala Postulant fit-23 ta' Settembru, 1900, beda t-Terzjarjat fl-10 ta' Jannar, 1901 u n-Novizzjat fl-8 ta' Lulju, 1903. Huwa għamel il-professjoni sempliċi fit-3 ta' Awissu, 1905. Huwa kien bniedem mimli fidi, għaqal u ħila li jagħti ġieħ lil-libsa ta' Terzjarju Tereżjan.

Reverendu Danjel pprofessa solennement fil-Għolja tal-Karmelu, Ħajfa, l-Eġittu, fit-Tramuntana ta' Iżrael meta kellu 30 sena nhar it-29 ta' Mejju, 1908. Huwa lanqas laħaq daħal fl-Ordni li ma bediex juri l-abiltajiet tiegħu.

Huwa ntbagħat mill-Ġeneral tal-Ordni fl-Eremitaġġ ta' Hoz de Anero-Rigada, ftit 'il bogħod minn San Andre, Spanja, biex jagħmilha ta' supristant tat-tiswijiet neċessarji kif ukoll il-bini mill-ġdid tal-Monasteru li kien fil-periklu li jiġġarraf. Huwa wasal hemmhekk fl-1913 u dam madwar sentejn.

Huwa kellu jirritorna Malta u nġabar fil-Kunvent ta' Santa Tereża, Bormla, minflok li mar lura fil-Għolja tal-Karmelu minħabba li l-Palestina waqgħet f'idejn it-Torok kif faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-18).

Madanakollu, huwa ntbagħat lura Ħajfa malli ntemm il-kunflitt internazzjonali fl-1919. Huwa wasal hemmhekk meta l-Kunvent fil-Għolja tal-Karmelu kien għadu okkupat mit-truppi tal-Armati Britanniċi tal-Ġeneral Allenby u mis-suldati Awstraljani.

Patri Danjel kien ta' għajnuna kbira għal Patri Lwiġi ta' San Ġużepp meta l-Ordni tal-Karmelitani Skalzi ħadet f'idejha mill-ġdid il-Bażilika fid-19 ta' April, 1919 u ksewha minn ġewwa b'irħam mill-isbaħ.

Patri Danjel intgħażel ukoll biex imexxi x-xogħlijiet arkitettoniċi u estetiċi tal-Bażilika l-Ġdida ta' Santa Tereża ta' Lisieux, Xubra, il-Kajr meta Patri Guliermu ta' San Albertu, is-Superjur Ġenerali, ordna l-bini tagħha fl-1932.

Huwa ssokta bis-superviżjoni tal-proġett minn siġġu tar-roti meta ntlaqat minn problemi ta' saħħa. Huwa xorta baqa' jaħdem fl-appostolat minkejja l-età u l-mard li beda jifnieh. Huwa għamel operazzjoni perikoluża f'Ġunju 1956 iżda baqa' għaddej isaħħar lil kulħadd bil-ġenju u bid-disponibbilità tiegħu.

Patri Danjel miet fil-Kajr, l-Eġittu wara li kien serjament marid għal erba' snin sħaħ. Mewtu kienet waħda ta' qaddis u tenna l-kliem "Ġesù, Marija, Ġużeppi" lis-Superjuri tiegħu ftit qabel għalaq għajnejh. Huwa ndifen maġenb missjunarji oħrajn tal-Ordni tiegħu f'maqbar fil-Għolja tal-Karmelu, Ħajfa, Iżrael.

Reverendu Danjel Abdilla jixraqlu li jibqa' mfakkar b'isem ta' triq f'raħal twelidu – Ħal Għaxaq.

*Biblijografija:*

*RPM, Twelidijiet 3891/1877*: Fr Cyril Borg O.D.C., Patrijiet Tereżjani Maltin fuq il-Għolja tal-Karmelu – 5 – Mal-milja tas-snin 1900 – 1960, *Il-Messaġġier Tereżjan* (Discalced Carmelites Fathers, Birkirkara, Ottubru-Diċembru, 1964), Ħarġa No.4, paġni 94-97; Reverendu Mawuel Schembri O.C.D., *Karmelitani Tereżjani Maltin: f'Għeluq l-10 snin mit-twaqqif tal-Provinċja Maltija 1990 - Frar – 2000 (1996)*, It-Tieni Edizzjoni, paġni 10-11; Reverendu Ċirillu Borg O.C.D. (15. xi.2006) u Reverendu Martin Borg O.C.D. (24.xi.2006).